MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 37

19 ta' April 2022

Minuti tas-seduta Nru. 37 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 19 ta' April 2022 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, jew b'mod virwali. Il-Kunsillier E. Bartolo kien qed jipparteċipaw b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 36, li saret fit-22 ta' Frar 2022, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Użu ta' faċilitajiet fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.3.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal imejl mibgħut minn Selmun Sports Club tas-17 ta' April 2022, dwar l-arranġamenti li ser jirregolaw l-użu tal-faċilitajiet taħt il-*multi-purpose court*. Intalab li dawn jiġu formalizzati permezz ta' ftehim bil-kitba.

2.1.3. Fl-istess imejl rreferew għax-xogħlijiet ippjanati għad-*dressing rooms* u talbu li jiġu kkonsultati dwar tibdil li għandu jsir fihom.

2.1.4. Il-Kunsill talab li jiġi abbozzat ftehim, filwaqt li ma qabilx li għandhom jsiru alterjazzjoni fil-binja tal-*dressing rooms* sabiex ma jaffettwax l-istruttura tal-binja.

**2.2.1. *Speed hump* fi Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XVI)**

2.2.2. Il-Kunsillier M. Abela ġibed l-attenzjoni li l-i*speed hump* li kien hemm fil-bidu tat-triq ta' mar-ramla, baqgħet ma saritx wara li din ġiet asfaltata mill-ġdid.

2.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-*hump* illi saret referenza għaliha, fil-fatt saret aktar 'l barra, eżatt mal-periferija tal-żona fejn hemm il-kmamar.

**2.3.1. *Speed hump* fix-Xatt ta' Santa Marija (T/3/2/Vol XVI)**

2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li huwa ġie avviċinat minn ġenitur ta' żewġt itfal bi bżonnijiet speċjali li talab sabiex issir speed hump fi trejqa li tgħaqqad bejn ix-Xatt ta' Santa Marija u Dawret it-Tunnara, fejn hemm il-*boathouses*.

2.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jintervjeni peress li t-trejqa in kwistjoni mhijiex skemata.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1. Okkupazzjoni ta' taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)**

3.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li fis-Seduta 35 tas-17 ta' Jannar 2022 hija kienet ġibdet l-attenzjoni li waqa' l-ħajt li jżomm it-taraġ imsemmi, bir-riżultat li dan ingħalaq għall-pubbliku. Hija qalet li t-taraġ għadu magħluq u staqsiet jekk ittieħditx azzjoni dwaru.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-każ ġie mgħoddi lill-Pulizija tal-Komunità.

**3.2.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XVI)**

3.2.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi fuq din il-materja.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li din kellha tkun parti minn *Slow Streets Project*, li attwalment ġie sospiż minħabba nuqqas ta' finanzjament da parti ta' Transport Malta.

**3.3.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (T/4/7/Vol III)**

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar is-suġġett.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li saru żewġ laqgħat fuq il-post imsejħa minn Infrastructure Malta fl-20 u t-22 ta' Diċembru 2021. Għalihom kienu mitluba jattendu l-entitajiet li għandhom servizzi mgħoddija, jew jeħtiġilhom jgħaddu oħrajn ġodda taħt l-art. Mill-istess laqgħat kien jidher li x-xogħol ser jinbeda kmieni fl-2022.

3.3.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li apparti xogħol estensiv li jeħtieġ isir biex jiġu spustjati *mains* tal-ilma li ħerġin u deħlin fil-ġibjun, hemm ukoll il-kwistjoni tal-ħajt tal-Fortizza tas-Salib li s-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali ndikat il-ħtieġa li għandhom jittieħdu miżuri biex dan jiġi mħares.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.4.1. Sistema ta' *traffic lights* fuq il-Pont tal-Mistra (T/4/4/Vol II)**

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk hemmx pjanijiet li jsir l-arranġament imsemmi, minħabba l-periklu li jeżisti bil-ħruġ ta' vetturi mit-triq tal-Mistra għat-Telgħa ta' Selmun.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li wara d-diskussjonijiet li kien hemm fis-Seduti 25 u 34, saru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex isiru *traffic lights* li jiffunzjonaw permezz ta' *sensors*. Dan bil-għan li t-traffiku fit-Telgħa ta' Selmun ma jitwaqqafx bla bżonn. Jidher li l-proposta qed tiġi kkunsidrata bi ħruġ wieħed biss fuq in-naħa tal-Mellieħa.

3.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.5.1. Wasteserv *Roadshow Truck* (K/6/11)

3.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għal każ ta' persuni li talbet tiddisponi minn kontenitur tal-plastik permezz tal-faċilità msemmija. L-uffiċjal tal-Wasteserv ma aċċettaħx peress li kien imċappas biż-żebgħa.

3.5.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li huwa kellu esperjenza simili b'kontenitur tal-plastik mimli biż-żejt tal-ikel. Iż-żejt ittieħed iżda l-kontenitur ma ġiet aċċettat.

3.5.4. Il-Kunsill osserva li fiż-żewġ każi msemmija suppost li kellhom jiġu aċċettati skont kif indikat fis-sit elettroniku tal-Wasteserv.

3.5.5. Kien hemm qbil li għandha tinkiseb kjarifika mill-Wasteserv.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 15/04/22;
- Skeda ta' Pagamenti – 18/02/22 – 15/04/22;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 16/02/22 – 27/03/22;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2021

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. PA 2269/22 – Sanzjonar ta' bidliet fl-użu ta' binja f'Misraħ il-Parroċċa k/m Triq il-Madonna tal-Għar li jinvolvi bidliet interni u esterni. (T/4/10/Vol II)

5.1.2. Ġie spjegat li l-applikazzjoni tinvolvi bdil fl-użu tal-fond l-eks-Dom's Bar minn Klassi 4A (uffiċċji ta' professjonisti), kif permess minn PA 2029/17 għall-Klassi 3A (*guesthouses, palazzini, boutique hotels,* u *hostels*).

5.1.3. Il-Kunsill innota li l-applikazzjoni PA 2269/22 tinvolvi biss bidliet interni li ma jaffettwawx aċċess pubbliku, iżda qabel li għandu jtenni l-punti mqajma b'rabta ma' PA 2029/17 dwar tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet, fi Triq il-Madonna tal-Għar, inkluż il-parapett, u fil-livell ta' Misraħ il-Parroċċa.

### 5.2.1. Proġett pilota dwar l-installazzjoni ta' batteriji mas-sistema fotovoltaika nstallata fl-uffiċċju tal-kunsill (K/1/2/Vol V)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għal kuntatti li għaddejjin mal-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma dwar titjib fis-sistema tal-pannelli solari eżistenti fuq il-bejt tal-uffiċċju tal-Kunsill. Ġie spjegat li l-aġenzija talbet li tinstalla batterija għall-ħażna tal-elettriku li jiġi ġenerat matul il-jum li jkun jista' jintuża aktar tard meta tonqos l-intensità tax-xemx. L-għan huwa li jsir monitoraġġ tar-riżultati miksuba. Intqal ukoll li l-aġenzija ser tagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti, iżda qed titlob li s-sejħa għax-xiri tat-tagħmir meħtieġ issir mill-Kunsill.

5.2.3. Is-Sur C. Debono fakkar li l-pannelli eżistenti ġew installati fl-2011 u allura jagħmel sens li prestazzjoni tagħhom tiġi evalwata fid-dawl tat-teknoloġija attwali, bil-għan li jinkisbu riżultati aktar aġġornati.

5.2.4. Il-Kunsill innota l-kuntatti msemmija, filwaqt li approva l-parteċipazzjoni tiegħu fl-istudju li qed isir.

### 5.3.1. Installazzjoni u manutenzjoni tad-dwal tat-toroq **(E/1/2/Vol VI)**

5.3.2. Saret referenza għall-imejl datat 8 ta' April 2022, mibgħuta mir-Reġjun Tramuntana fejn għarraf li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għaddejja b'kuntatti mal-Enemalta plc bil-għan li s-servizzi msemmija jibdew jingħataw minn tal-aħħar, minflok il-kuntrattur privat imqabbad mir-Reġjun Tramuntana Billi l-kuntatti għadhom għaddejjin, ir-Reġjun talab li l-kuntratt attwali, ma' Mica Med Ltd, jiġi mġedded b'sitt xhur fuq it-terminu tiegħu.

5.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li huwa talab kjarifika dwar l-installazzjoni ta' dwal ornamentali u ngħatat tweġiba mill-Enemalta li f'dan il-każ it-tagħmir, l-installazzjoni u l-manutenzjoni ser jibqgħu jsiru mill-kunsill. Intalbet kjarifika oħra dwar l-installazzjoni ta' dwal *standard* li jkunu jirrikjedu tħaffir ta' trinek eċċ. F'dan il-każ, ix-xogħol kollu ser isir mill-Enemalta. Is-Sur C. Debono qal li qed jistenna kjarifika dwar jekk hijiex ser tibqa' is-sistema eżistenti tar-rappurtaġġ u ż-żamma tal-kontijiet.

5.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1. Laqgħa Annwali tal-Lokalità **(F/1/33)**

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni għall-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali fejn hemm provdut li għandha ssir laqgħa annwali sa mhux aktar tard mill-15 ta' April ta' kull sena, fejn fiha jiġi ppreżentat ir-rapport amministrattiv u finanzjarji, flimkien mal-Pjan ta' Ħidma. Huwa fakkar li minħabba ċ-ċirkostanzi mabuta mal-elezzjoni ġenerali, din il-laqgħa ma setgħetx issir qabel.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa għandha ssir fil-kamra tal-Kunsill, kif ukoll tiġi trasmessa diretta bl-internet, filwaqt li l-pubbliku għandu jingħata l-opportunità jagħmel l-interventi tiegħu b'mod virtwali, fid-dawl tar-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija. Id-data tal-laqgħa għandha tkun is-16 ta' Mejju 2022.

### 5.5.1. Restawr ta' monumenti fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tal-Manikata **(R/2/Vol II)**

5.5.2. Saret referenza għal ċirkulari SPI.SCI.3.2022, tas-17 ta' Marzu 2022.

5.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna wkoll għal appell li sar mill-Kappillan tal-Manikata r-Rev. D. Schembri, fejn talab għall-għajnuna mill-Kunsill sabiex jiġu restawrati żewġ monumenti tal-Perit Richard England, li jinsabu fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. L-imsemmi appell sar permezz ta' imejl datat 10 ta Marzu 2022.

5.5.4. Minħabba l-iskadenza tad-data tal-għeluq tal-iskema, il-Kunsill ġie mgħarraf li saret konsultazzjoni dwar l-eliġibilità tal-monumenti in kwistjoni, u saret sottomissjoni bil-għan li jsir ir-restawr tagħhom minħabba l-istat ħażin ħafna li jinsabu fih.

5.5.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.6.1. Tlielaq tar-roti fil-*Bypass* u fit-triq tal-Miżieb **(A/6/3/2/Vol 62)**

5.6.2. Saret referenza għal ittra datata 7 ta' Marzu 2022, mibgħuta mill-Malta Cycling Federation li qed jitolbu permess sabiex jorganizzaw tlielaq tar-roti fid-19 ta' Ġunju f'Dawret il-Mellieħa u Triq Lewis Wettinger bejn is-7:30 am u l-10:30 am. Qed jintalab permess ieħor sabiex fl-24 ta' Ġunju 2022 issir tellieqa oħra fit-triq tal-Miżieb, bejn is-7:30 am u d-9:30 am.

5.6.3. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-organizzaturi sabiex jiġu stabbiliti l-postijiet fejn għandhom jiġu skjerati l-uffiċjali għall-kontroll tat-traffiku.

**5.7.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VI)**

5.7.2. Inqara imejl datat 2 ta' Marzu 2022, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' *Easter Egg Hunt* miftuħa għall-pubbliku, u li ttellgħet fis-16 ta' April 2022.

5.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €200 fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

**5.8.1. Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa (S/6/Vol IV)**

5.8.2. Saret referenza għall-ittra datata 4 ta' Jannar 2022, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa, fejn l-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa li ser tittellgħa fis-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial bejn is-6 u l-15 ta' April 2022.

5.8.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' din l-inizjattiva, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €200 fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

**5.9.1. *Pedestrian crossings* fi Triq il-Muna u Triq il-Mitħna l-Ġdida (T/3/2/Vol XVI)**

5.9.2. Saret referenza għal proposta mill-Kunsillier I. Castillo permezz ta' imejl datat 7 ta' April 2022, fejn ippropona li jsiru *pedestrian crossings* fit-toroq imsemmija peress li ħafna residenti f'Ta' Pennellu jgħaddu minn hemm biex imorru fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

5.9.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex isiru ż-żewġ il-*crossing* proposti mingħajr il-*belisha lights*.

**5.10.1. Attivitajiet marbuta mal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma (S/6/Vol IV)**

5.10.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini pproponiet sabiex il-Kunsill jagħti l-kontribut tiegħu sabiex ikun hemm tiżjin adekwat bil-fjuri għal dawn iż-żewġ okkażjonijiet.

5.10.3. Il-Kunsill qabel li l-kontribut tiegħu m'għandux ikun iktar minn €250 fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363)..

**5.11.1. *Bring-in sites* fil-Manikata u fl-Armier iż-Żgħir (K/6/10/Vol IV)( B/5/Vol IV)**

5.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 25 ta' Marzu 2022, fejn GreenPak Co-Operative infurmat li lesti jpoġġu i-Bins fi Triq il-Mellieħa, biswit Ġnien iż-Żerniq, la darba fil-11 ta' April 2022 daħlu fis-seħħ l-arranġamenti tat-traffiku approvati minn Transport Malta.

5.11.3. Dwar il-*bring-in site* fl-Armier iż-Żgħir, GreenPak baqgħet tinsisti li lesta tpoġġi mill-ġdid l-i-Bins li kien hemm qabel, sakemm il-Kunsill ikun lest jagħmel tajjeb għall-ħsarat li jkun hemm. Intqal ukoll li lesti jipprovdu sistema CCTV sakemm il-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-internet u l-elettriku meħtieġ.

5.11.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba l-iBins jitħallew fiż-żona tal-parkeġġ fl-Armier iż-Żgħir, xorta waħda jibqgħu qrib xatt-il baħar fejn normalment isiru l-barbecues. Għadaqstant kien hemm qbil li għandu jinstab post alternattiv, possibilment fiż-żona fejn hemm il-kmamar.

5.11.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ppropona li l-projbizzjoni fl-użu tal-faħam għall-*barbecues* għandha tiġi estiża għall-bajjiet kollha tal-lokalità.

5.11.6. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.11.5.

### 5.12.1. 25 Anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ Mellieħa - Adenau
**(K/1/5/Vol IV)**

5.12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fid-19 ta' Marzu 2022 huwa, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sindku ta' Adenau – Arnold Hoffmann – fejn ġew diskussi inizjattivi li jistgħu jittieħdu sabiex jiġi rijattivat il-ġemellaġġ wara l-waqfa minħabba l-pandemija. Ġiet diskussa l-possibiltà li f'Settembru 2023 tittellgħa ċelebrazzjoni tal-anniversarju msemmi, illi kien jaħbat fl-2021, meta f'dik is-sena kien hemm diversi restrizzjonijiet fis-seħħ minħabba l-Covid-19. Huwa fakkar li fl-2001 is-Società Filarmonica La Vittoria kienet mistiedna biex tagħti programmi mużikali f'Adenau, iżda ż-żjara kellha tiġi kkanċellata minħabba l-atti terroristiċi li seħħew fl-Istati Uniti fil-11 ta' Settembru 2001, illi affettwaw l-ivjaġġar bl-ajru. Huwa aċċenna wkoll li l-banda hija l-unika għaqda mużikali fil-Mellieħa li għadha ma' żaritx Adenau.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jinbdew kuntatti mas-soċjetà La Vittoria bil-għan li jiġi stabbilit jekk hijiex interessata fil-proposta, u l-aħjar żmien li din għandha sseħħ.

### 5.13.1. Attivitajiet organizzati mis-Società Filarmonica La Vittoria u mill-Mellieħa Athletics Club f'Misraħ il-Parroċċa (A/6/3/2/Vol 93)

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-għaqdiet imsemmija applikaw għall-permessi separati sabiex jorganizzaw maratona għall-ġbir ta' fondi b'rizq Puttinu Care, kif ukoll biex tintemm tellieqa mat-toroq tal-Mellieħa, f'Misraħ il-Parroċċa, nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju 2022 filgħodu.

5.13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-permess għandu jingħata lill-għaqda li applikat l-ewwel, sakemm ma jintlaħaqx ftehim bejniethom.

5.13.4. Is-Segretarju għarraf li l-ewwel applikazzjoni li wasslet għand il-Kunsill kienet dik tal-Mellieħa Athletics Club.

### 5.14.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa (T/3/3/Vol IV)

5.14.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fl-14 ta' Marzu 2022 huwa u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono attendew laqgħa fejn ġew spjegati l-pjanijiet tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu li ser jitwettqu minn Infrastructure Malta, dwar Triq il-Marfa fil-parti tal-*promenade* li tifforma parti mit-TEN-T Network. Irriżulta li dawn ix-xogħlijiet huma ppjanati li jinbdew wara li jitqiegħdu pajpijiet ġodda tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u jgħaddi s-sajf 2022.

5.14.3. Ġie spjegat ukoll li ser ikun hemm żewġ korsiji fid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa, filwaqt li l-ipparkjar ta' vetturi ser ikun pprojbit mal-ġenb tal-Mellieħa Holiday Centre u r-Riżerva Naturali tal-Għadira, kif ukoll ser tiġi ntrodotta *pedestrian crossing* ġdida. Fid-direzzjoni opposta ser ikun hemm korsija waħda, filwaqt li din ser ikollha faċilitajiet għall-ipparkjar u l-*bus bays* eżistenti. L-ipparkjar huwa ppjanat isir fil-formazzjoni *fish bone*.

5.14.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-ipparkjar fil-formazzjoni *fish bone* jista' jikkawża periklu billi l-vetturi jkollhom jinstaqu b'lura fil-korsija mid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa.

5.14.5. Is-Sur J. Buttigieg qal li traffiku fid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa qed jingħata prijorità, filwaqt li ser jitneħħa l-ipparkjar bil-għan li jitnaqqas l-ammont ta' persuni li jkun jeħtiġilhom jaqsmu bejn vetturi u s-*centre strip*. Il-fattur ta' riversjar fil-korsija tqajjem waqt il-laqgħa tal-14 ta' Marzu 2022, imsemmija aktar 'il fuq.

5.14.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u talab li jkollu pjanta tal-proġett.

**5.15.1. Aċċess għal persuni b'diżabilità quddiem il-*boathouses* ta' taħt Dawret it-Tunnara (P/8/4)**

5.15.2. Il-Kunsillier G. Micallef qal li huwa ġie avviċinat dwar is-suġġett minn familjari ta' persuna li għandha waħda mill-*boathouses* u tixtieq li jkollha aċċess bis-siġġu tar-roti.

5.15.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenti li biex issir rampa b'pendil skont il-linji gwida, jkun jeħtieġ li tittieħed fit-tul. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li l-inkwilini tal-*boathouses* minn dejjem kienu kontra l-aċċess bil-vetturi, inkluż il-muturi.

5.15.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-inkwilini kollha għandhom jiġu kkonsultati, filwaqt li jiġi verifikat jekk hemmx kundizzjonijiet f'dan is-sens fil-kuntratti tal-kirjiet bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-inkwilini jew is-sidien.

**5.16.1. Nuqqasijiet fi Triq l-Assedju l-Kbir (C/6/Vol VIII)**

5.16.2 Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li jeżistu numru ta' nuqqasijiet fit-triq imsemmija li jinvolvu: iż-żamm tas-soft areas; żebgħa tal-ħitan; bankijiet, *litter bin* miksura; u tabelli tat-traffiku.

5.16.3 Ittieħdet nota sabiex jiġu trattati n-nuqqasijiet indikati.

**5.17.1. Mellieħa Sport Club Football School (S/6/Vol IV)**

5.17.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa nfurmat li matul ix-xhur tas-sajf 2022 tliet gruppi minn *nursery* ser imorru Sqallija biex jikkompetu u jitħarġu. Huma qed jappellaw lill-Kunsill sabiex jgħin fix-xiri ta' gerijiet li jkunu bil-logo tal-Kunsill Lokali. L-ispiża fuqhom tammonta għall-madwar €400.

5.17.3 Il-Kunsill qabel li għandu jagħti sehemu fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Kien hemm qbil li mgħandhomx jiġu kommessi aktar minn €400 għal din it-talba. Il-Kunsill mgħandux jipproċedi jekk ma ssirx talba formali mill-Mellieħa Sports Club Football School.

**5.18.1. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq il-Mellieħa fil-Manikata (T/3/2/Vol XVI)**

5.18.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-arranġamenti ġodda li ġew introdotti fi Triq il-Mellieħa t-biswit Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata, u qal li l-*bollards* faċilment jistgħu jitlaqtu. Għaldaqstant il-linja ta' nofs it-triq għandha titneħħa filwaqt li l-*bollards* għandhom jibdew iżatt mill-kantuniera ma' Triq Dun Manwel Grima.

5.18.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li l-arranġament kollu sar skont pjanta approvata minn Transport Malta, filwaqt li l-*bollards* ġew miżjuda wara bl-approvazzjoni ta' Transport Malta wara l-osservazzjonijiet li saru fuq il-post dwar it-tendenzi tas-sewwieqa.

**5.19.1. Jum l-Omm u Jum il-Missier (A/1/1/Vol II)**

5.19.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini aċċenna li Jum l-Omm huwa fit-8 ta' Mejju u għaldaqstant pproponiet li l-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa u dawk li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva jingħataw pjanta. Fir-rigward ta' Jum il-Missier fid-19 ta' Ġunju hija ssuġġeriet li jingħata ikel.

5.19.3. Il-Kunsill approva ż-żewġ proposti.

**5.20.1. Korsijiet – Tagħlim tul-il Ħajja - *Lifelong Learning* 2021/22 (E/3/1/5/Vol II)**

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li ġie ppubblikat l-propectus dwar il-korsijiet imsemmija u għal darba oħra intwera interess dwar il-Malti u l-Ingliż għall-barranin u fil-

konverżazzjoni bil-Malti. Hija qalet li dawn il-korsijiet ser ikunu għal studenti minn ħmistax-il sena 'il fuq.

5.20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 6.1. Andament tal-kuntratti dwar it-tindif ta' toroq urbani u dak tat-toroq rurali (T/4/6/Vol IV) (T/4/5/Vol IV)( K/6/3/Vol III)

6.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*Contracts Manager* is-Sur R. Mercieca sabiex jispjega l-andamant taż-żewġ kuntratti imsemmija.

6.3. Is-Sur R. Mercieca qal li fir-rigward tat-tindif tat-toroq mhux urbani sar il-qtugħ tal-ħaxix fl-inħawi ta' Selmun, il-Manikata u f'Għajn Tuffieħa. Fil-jiem li ġejjin ser isiru Triq il-Qammieħ u l-inħawi tal-Aħrax. Il-problema tal-*bins* tidher li ġejja minn nuqqas tal-osservanza tal-frekwenza tat-tbattil ta' darbtejn fil-ġimgħa – nhar ta' Tlieta u l-Ħamis.

6.4. Is-Segretarju Eżekuttiv, qal l-problema tal-*bins* jista' ikun li ġejja mill-fatt li dawk eżistenti huma żgħar wisq meta jitqies in-numru ta' nies li jiffrekwentaw il-Park tal-Familja, partikularment fi tmiem-il ġimgħa, u meta t-tfal ma jkollhomx skola.

6.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li l-frekwenzi tat-tbattil mhux qed jiġu osservati, apparti l-fatt li fejn jinqata l-ħaxix mhux qed jinġabar l-iskart li jkun maqbud fiħ.

6.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li kien hemm kuntatti verbali mal-kuntrattur dwar diversi aspetti tas-servizz mistenni, u għaldaqstant issa għandhom jinħarġu d-*default notices*.

6.7. Wara aktar diskussjoni, il-fehma ġenerali tal-Kunsill kienet li l-problema hija marbuta mal-*litter bins*. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur.

6.8. Dwar it-tindif ta' toroq urbani, il-Viċi Sindku J. Buttigieg kkummenta li ra titjib sinifikanti wara li kienet saret reviżjoni tal-knis tat-toroq u turġien. Osserva wkoll li nhar ta' Tlieta, meta l-kuntrattur ma jkollux ġbir ta' skart bieb-bieb, il-ħaddiema nvoluti qed jintbagħtu jagħmlu xogħol fuq tindif ta' toroq u qtugħ ta' ħaxix.

6.9. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li s-servizz tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli mogħti minn GreenPak, qed isir permezz ta' tliet scammels, li qed jibdew għall-ħabta ta' nofsinhar. B'riżultat ta' dan, l-iskart qed idum ħin twil fit-toroq inkluż f'dawk ewlenin bħal Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier.

6.10. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur imqabbad minn GreenPak bil-għan li l-vetturi tiegħu ikunu disponibbli aktar kmieni.

6.11. Is-Sur R. Mercieca qal li fir-rigward tal-kuntratt tal-ġonna, jidher biċ-ċar li l-kuntrattur mhux jalloka riżorsi biżżejjed biex ilaħħaq mal-volum indikat fil-kuntratt. Għaldaqstant, ix-xogħol qed jaqa' lura, u ħafna drabi jiġi trattat biss dak li jkun urġenti.

6.12. Anke fil-każ tal-ġonna, il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur konċernat.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stelli illi tgħid:

***" Billi saret sejħa għall-offerti Nru. 2/2022, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), sabiex jingħata servizz ta' iddisinjar, setting u stampar tan-newsletter "Mill-Qiegħa" flimkien mal-magazin għat-tfal;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2022, taħt il-kont Nru. 2970; u***

*Billi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ra s-sottomissjonijiet li saru mit-tliet offerenti skont il-minuti tat-8 u t-22 ta' Marzu 2022, fejn ġie rakkomandat li l-kuntratt jingħata lill-Salander Group Ltd, peress li għamlu l-inqas offerta finanzjarja akkumpanjata bid-dokumentazzjoni mitluba fid-dokument tal-offerta;*

*Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent, skont ir-rati ndikati fl-offerta finanzjarja rispettiva, bil-għan li jiġi iffirmat kuntratt ta` erba' snin, b'effett mill-1 ta' Mejju 2022 sabiex jiġi pprovdut is-servizz in kwistjoni.". (P/3/2/Vol IV)*

7.1. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li tgħid:**

*"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 1/2022, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi r-Restawr tan-Niċċa tal-Madonna fil-Marfa;*

*Billi bil-għajnuna ta' rapport tekniku mill-perit inkarigat saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni taż-żewġ offerti sottomessi, skont il-minuti tal-24 ta' Frar, 8 ta' Marzu u 22 ta' Marzu 2022; u*

*Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2022 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7535 bis-saħħa ta' kofinanzjament approvat taħt il-Miżura 19.2 tal-Fond Agikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali skont ftehim bir-referenza (IACS) No. 239074;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Stefano Sferrazzo li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas offerta finanzjarja.". (P/10/37)*

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

**9.1. Sistema ta' *one-ways* fi Triq Sant' Elena, Triq Dun Franġisk Sciberras, u Triq Adenau (T/3/2/Vol XVI)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li fis-Seduta Nru. 33 tal-24 ta' Novembru 2021, il-Kunsill kien qabel li għandha titressaq proposta lil Transport Malta sabiex traffiku fi Triq Sant' Elena u fi Triq Franġisk Zahra ikun jista' jibqa' nieżel fi Triq Dun Franġisk Sciberras u joħroġ minn Triq Adenau. Il-parti t'isfel ta' Triq Dun Franġisk, li tagħlaq, tibqa' tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet, filwaqt li Triq Sant' Elena ssir *one-way* bi dħul minn Triq Ġorġ Borg Olivier. Transport Malta approvaw din l-iskema permezz ta' imejl datat 17 ta' Frar 2022.

9.3. Peress li r-residenti u l-operaturi tan-negozji li hemm fiż-żoni ma kienux ikkonsultati dwar l-arranġament propost, din ittellgħet fil-medja soċjali u kien hemm rispons notevoli fuqha tant li saret petizzjoni ffirmata minn 218 persuna, kontra l-arranġament propost.

9.4. Fid-dawl tar-rejazzjoni espressa fil-petizzjoni minn għad konsiderevoli ta' firmatarji, kontra s-sistema tal-*one-way*, l-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinżamm l-i*status quo*.

**10.1. Tifkira tal-memorja tal-eks-Sindku Joseph Borg (K/1/2/Vol V)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li din il-materja tpoġġiet fuq l-aġenda, kif kien maqbul fis-seduta preċedenti.

10.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fid-19 ta' Marzu 2022 il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sindku ta' Adenau – Arnold Hoffmann – fejn ġiet ippreżentata plakka kommemorattiva għall-Joseph Borg u r-rabta tiegħu mat-twaqqif tal-ġemellaġġ Mellieħa/Adenau inizjalat fl-1996. Huwa ppropona li din titpoġġa f'post pubbliku, kif ukoll li s-Sala tal-Kunsill tissemma għaliħ, wara li din tiġi renovata u nawgurata f'għeluq is-sena mill-mewt tiegħu.

10.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa skont il-minuta preċedenti. Kien hemm qbil li l-lapida mogħtija mis-Sindku ta' Adenau għandha titpoġġa fi Ġnejnet il-Kunsill.

**11.1. Inawgurazzjoni tax-xogħlijiet u l-attrezzi fil-Batterija ta' Westreme – Mużew tat-Tunnara (P/10/30)**

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li x-xogħlijiet fuq barra, kif ukoll l-attrezzi fuq il-Mużew tat-Tunnara ġew konklużi u dawn jistgħu jiġu nawgurati bil-għan li tingħata aktar viżibilità lill-proġet, skont kif jitlob l-ftehim tal-għotja li saret taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

11.3. Il-Kunsill qabel li din l-attività ssir fis-26 ta' Mejju 2022 fil-11.00am.

**12.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2021 (F/1/1/Vol IV)**

12.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Ottubru/Diċembru 2021 ammonta għal €1,419,589, li jikkonsisti f'€1,337,066 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €69,757 kienu miżati marbuta ma' attivitajiet li jeħtieġu l-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali, u €12,766 kienu relatati mal-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

12.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti naqas b'€80,513 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €1,937,584. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €1,783,263, Stokks ta' kotba li l-valur tagħhom kien ta' €17,789, flimkien ma' flejjes oħra li l-Kunsill kellu jdaħħal li ammontaw għal €136,532.

12.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti netti żdiedu meta mqabbla mat-tliet xhur ta' qabel, minn €791,929, għal €833,653. Dawn kienu magħmula minn ammonti ffatturati (€372,881), u dovuti (€327,512) fir-rigward ta' spejjeż akkumulati, iżda li ma kienux iffatturati sa tmiem il-perjodu kopert b'dan ir-rendikont. Kien hemm Dħul Differit €133,260 relatat ma' somom imħallsa bil-quddiem b'rabta ma' skemi mnedija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

12.5. In-nefqa kienet tikkonsisti minn €218,899 fuq pagi tal-impjegati u *allowances* tal-membri tal-Kunsill, €750,506 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €58,354 fuq Amministrazzjoni, filwaqt li Deprezzament fuq assi permenant ġie kkalkulat għal €282,393.

12.6. Meta titqies in-nefqa totali ta' €1,310,152, irriżulta bilanċ pożittiv ta' €109,437 mill-bidu tas-sena. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha, l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja naqas b'10% fuq it-tliet xhur ta' qabel għal 88%.

12.7. Is-Segretarju Eżekuttiv għalaq billi qal li, mill-bidu tas-sena finanzjarja, żdiedu assi permanenti b'kemm jiswew ta' €497,784, filwaqt li ma ġew ikkanċellati ebda assi li kienu reġistrati. L-ispiża oriġinali fix-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €9,909,736 li l-valur nett tagħhom fil-kotba, sa' Diċembru 2021, kien ta' €2,074,347.

12.8. Il-Kunsill innota l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie approvat ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

**13.1. Elezzjoni tal-Kunsillier I. Castillo bħala Deputat Parlamentari (K/1/6/Vol IV)**

13.2. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf li din ser tkun l-aħħar seduta tiegħu, wara li huwa ġie elett membru fil-Kamra tad-Deputati fl-elezzjoni tas-26 ta' Marzu 2022. Għaldaqstant, eventwalment ser ikun qed iressaq ir-riżenja tiegħu bħala kunsillier. Huwa appella lill-Kunsill sabiex ifittex l-għajnuna tiegħu u tat-tliet deputati oħra mill-Mellieħa, kemm-il darba din tkun meħtieġa.

13.3. Is-Sindku D. Vella, f'isem il-Kunsill irringrazzja lis-Sur I. Castillo għas-servizz li huwa ta minn meta beda jservi bħala Kunsillier fit-Tmien Kunsill f'Lulju 2019, u awguralu suċċess fil-kariġa ta' Deputat Parlamentari.

**14.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

14.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta' April 2022.

14.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

14.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn is-16 ta' Frar u s-27 ta' Marzu 2022.

14.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-18 ta' Frar u l-15 ta' April 2022.

14.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8:45 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2022 fis-6:00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**